# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 16 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 2369/99 AJM

Kawza numru

Spring Valley Company Limited

Vs

Lorraine Agius u KL Communications Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fid-29 ta'Ottubru 1999 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi bil-mandat ta' qbid numru 2537/99 CD fl-ismijiet Lorraine Agius vs KL Communications Limited gew maqbuda l-oggetti msemmija fir-riferta tal-marixxal; illi dawn l-oggetti huma kollha ta' Spring Valley Company Limited; illi l-marixxal tal-Qorti gie immedjatement infurmat li dawn l-oggetti huma proprjeta' ta' Spring Valley Company Limited u ghamel nota fl-istess riferta dwar dan; illi l-attrici giet debitament infurmata b'dan izda naqset li tissospendi l-proceduri tas-subbasta; illi l-attur kontestwalment ma din ic-citazzjoni

ppresenta rikors fejn talab s-sospensjoni tas-subbasta; talab ghalhekk li din il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-oggetti kollha maqbuda bl-istess mandat ta' qbid imsemmi hawn fuq jappartjenu lis-socjeta' attrici u ghalhekk ma jistghux jigu maqbuda in ezekuzzjoni tad-debiti tas-socjeta' konvenuta KL Company Limited;
2. ghal dan il-motiv tordna r-revoka tal-istess mandat ta' qbid;
3. tordna r-revoka tad-digriet li bih gie ordnat il-bejgh bis-subbasta tal-oggetti maqbuda fil-mandat fuq imsemmi;
4. tordna c-cessjoni b'effett immedjat tal-bejgh bl-irkant tal-imsemmija proprjeta'.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li humangunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut tad-19 ta' Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drittstante li l-oggetti huma kollha proprjeta' tas-socjeta' K.L. Communications Ltd kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Frara 2000 ta' din il-Qrti diversament preseduta meta l-kawza giet imhollija quddiem din il-Qorti ghall-udjenza tat-8 ta' Mejju 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi u tad-dokuemnti ezebiti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-18 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B'sentenza tat-28 ta' Jannar 1999 il-konvenuta Lorraine Agius giet dikjarata kreditrici tas-socjeta' KL Communications fis-somma ta' LM5390 oltre l-imghax u l-ispejjes. Fl-20 ta' Mejju 1999 l-istess Lorraine Agius talbet u otteniet l-hrug ta' mandat ta' qbid kontra l-istess socjeta' ghall-kreditu pretiz u l-ezekuzzjoni tal-istess mandat intalbet fil-fond Spring Valley Flats No7, Triq il-Qaliet, Marsaskala jew gewwa fond iehor maghruf bhala Nadur, Nadur Street, Marsascala.

Dan il-mandat gie ezegwit mill-Marixxal Carmel Degiorgio fl-24 ta' Mejju 1999 meta acceda fil-fond No. 1, Triq il-Qaliet, M'Scala u hemm gew elevati l-effetti mobbli imsemmija fir-riferta. F'dik l-okkazzjoni kien hemm prezenti Alfred Cachia, li issa jirrizulta li huwa azzjonista u direttur tas-socjeta' attrici u dana informa lill-Marixxal ezekutant li l-oggetti kollha li gew maqbuda "huma proprjeta' ta' Spring Valley".

Wara li gie ezegwit il-mandat il-konsulent legali tal-attur kiteb lill-konvenuta biex jgharrafha li l-effetti maqbuda kienu proprjeta' tieghu u kellu l-ircevuti kollha relattivi u jekk ma jitnehhiex l-mandat jittiehdu passi ulterjuri. Fil-fatt ma sar xejn mill-konvenut kif rikjesta anzi baqghet tipprocedi bis-subbasta tel-effetti maqbuda u ghalhekk l-attur wara li ipprezenta r-rikors appozitu pproceda b'dan l-att u talab ir-revoka tal-mandat u l-atti sussegwenti.

Lattur ressaq provi biex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu infatti mhux talli xhed Alfred Cachia, izda ukoll gew prezentati diversi rivcevuti li jissostanzjaw dak li kien qieghed jigi allegat fic-citazzjoni inoltre gie mharrek wiehed mir-rappresentanti tas-socjeta' li kienet bieghet l-effetti mobbli biex jikkonferma dak li kien jirrizulta mill-istess ricevuta minnu rilaxxata.

Il-konvenuta ma resqet ebda prova in kontestazzjoni ta' dak li qed jinghad mill-attur. Ghalhekk l-pretensjoni attrici tdher pruvata.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara li l-effetti maqbuda bil-mandat 2537/99CD jappartjenu lis-socjeta' attrici u mhux lis-socjeta' debitrici, tirrevoka ghalhekk l-ezekuzzjoni tal-mandat, tirrevoka d-digriet li bieh gie ordnat il-bejgh in subbasta tal-effetti maqbuda bil-mandat fuq imsemmi u konsegwentement tordna b'effett immedjat ic-cessjoni tal-bejgh bl-irkant tal-effetti imsemmija.

Dwar l-ispejjes, fic-cirkostanzi billi l-konvenuta ma kellha ebda tort meta inqabdu l-effetti mobbli imsemmija stante li s-socjeta' debitrici kellha l-ufficcju registrat taghha fil-fond tas-socjeta' attrici, tordna li l-ispejjes ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Onor Imhallef Albert J. Magri